# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn 15 ta' April, 2019**

**Rikors Numru 296/19TA**

**Wara l-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 203/2019 fl-ismijiet:-**

**Western Company Limited**

**vs**

**Matthew Charles Costigan u Maria Costigan**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-konjugi Costigan tat-18 ta' Marzu 2019.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Marzu 2019.

Rat ir-Rikors ossia risposta tas-Socjeta' Western Co. Limited.

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors fis-seduta tal-11 ta' April 2019.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kwistjoni imqanqla bir-rikors tal-konjugi Costigan hija pjuttost semplici. Dawn qeghdin jippretendu, li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni li otteniet is-Socjeta` imsemmija kontra taghhom, u li fl-atti tieghu qed isir ir-Rikors odjern, ma ghadhomx hajjin. Dan qieghed jinghad, peress li s-Socjeta` intimata naqset li tiddeduci l-pretensjoni taghha fiz-zmien li trid il-ligi u dan bl-adozzjoni tal-artiklu 843 bis-sahha tal-artikolu 876A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Aktar minn hekk, minhabba t-tardivita` inkwistjoni, il-konjugi Costigan qeghdin ukoll jitolbu l-penali ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-risposta taghha s-Socjeta` intimata taqbel li l-pretensjoni minnha dedotta permezz ta' rikors guramentat numru 305/19AF fil-21 ta' Marzu 2019 kienet tardiva. Mill-atti jirrisulta li minn meta kien milqugh il-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni sal-presentata tal-Kawza imsemmija, t-terminu li timponi l-ligi inqabez bi kwazi gimghatejn. Pero` s-Socjeta` inkwistjoni fi ftit kliem tinsisti, illi galadarba giet presentata l-Kawza ghall-azzjoni sostantiva u ma kien hemm ebda element ta' malizja, il-mandat ghandu jibqa' fis-sehh u li fi kwalunkwe kaz ma hemm ebda penali dovuti fit-termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Lligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar x'qalu dawn il-Qrati f'cirkostanzi simili ghal dawk li ghandha quddiemha din il-Qorti.

Qabel xejn irid jinghad li l-mandati kawtelatorji johorgu fuq ir-responsabilita` ta' min jitlob il-hrug taghhom u jkun rikonoxxut li l-otteniment hu wiehed ingust (ara "**Angelo Mifsud -vs- Frank Delia *et***", **Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Gunju, 1962**). Dan ghaliex il-parti l-kbira tal-mandati kawtelatorji jintalbu fi zmien meta l-kreditu jew pretensjoni ghad ma jkunux gudizzjarjament accertati u stabbiliti. F'dan is-sens dawn ix-xorta ta' mandati huma odjuzi u minhabba f'hekk id-disposizzjonijiet tal-ligi dwarhom ghandhom jinghataw interpretazzjoni rigoruza. Di fatti minn zmien ilu intqal illi "*l'intenzione del legislatore è di considerare i mandate cautelatori con occhio poco benevolo, di autorizzarne la spedizione soltanto quando sono assolutamente necessari, e di mantenerli in vigore soltanto pel tempo in cui durasse la loro necessita`*" ("**Emilia moglie del Maggiore Letham Charles Miller Blacker *proprio et nomine* -vs- Maria Costantina Howard**", **Appell Civili, 7 ta' Lulju, 1920 – Vol. XXIV.i.554**).

Ifisser li jekk min ghandu pretensjoni wara li jottjeni l-hrug ta' mandat kawtelatorju ma jiddeduciex l-azzjoni fi zmien li trid il-ligi, dan fih innifsu mhux biss jgib fix-xejn l-effetti ta' dan il-mandat, izda dan il-fatt wahdu ghal raguni indipendenti u separata jaghti lok ghal kundanna ghad-danni penali. Fi kliem it-taghlim ta' dawn il-Qrati, "*Dan ghaliex il-kreditur kien obbligat fit-terminu statutorju wara li jipprezenta mandat kawtelatorju illi jiddeduci l-pretensjoni tieghu permezz ta' att tac-citazzjoni quddiem il-*

*Qorti kompetenti li jkun jirrifletti ezattament il-kawzali ta' l-istess mandat kawtelatorju".* (Ara **"Joseph Xerri -vs- Walter Bonello *nomine*", Appell Kummercjali, 16 ta' Dicembru 1968 re "Paul Abela *et* -vs- Busietta Gardens Madliena Ltd", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000**.)

Minn dan jinstilet l-argument, li galadarba l-effetti ta' dawn il-mandati ghandhom jkunu interpretati b'mod rigoruz, il-Qorti ma tistax tilqa' l-interpretazzjoni li qed taghti s-Socjeta` intimata fis-sens, li ghalkemm inqabez it-terminu kif fuq spjegat, l-importanti li l-pretensjoni giet dedotta u ghaliex ma kienx hemm malizija. Li kieku din il-Qorti kellha tilqa' din ix-xorta ta' interpretezzjoni ma tkunx tista' tinqata' linja dwar terminu daqstant importanti.

Huwa minnu li artiklu 843(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid ukoll li jekk ir-rikorrent jonqos milli jaghmel kawza **minghajr raguni tajba**, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha. Din il-parti tal-ligi bhal donnha tippermetti, li jekk il-kawza ma ssirx fi zmien tal-ligi, jekk ikun hemm raguni tajba l-Qorti tista' xorta zzomm haj il-mandat. Izda skont din il-Qorti, anke jekk dan huwa l-kaz, ir-raguni tajba trid tkun wahda impellenti u ta' natura tant eccezzjonalissima li n-nuqqas ma jridx ikun assolutament dipendenti fuq ir-rieda tar-rikorrent. Minn ezami tar-risposta tas-Socjeta` intimata ma jirrizulta ebda raguni ta' din ix-xorta. Biex il-Qorti tkun preciza l-anqas tressqet imqar ombra ta' raguni ghalfejn il-Kawza giet presentata barra

iz-zminijiet fuq imsemmija. Ghalhekk il-Qorti thoss li fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jesistu cirkostanzi, aktar minn ragjonevoli sabiex dan il-mandat ma jinzammx fis-sehh.

Kwantu ghall-penali, is-Socjeta` intimata targumenta li ma ghandux ikun hemm imposizzjoni ta' penali ghaliex ma kien ebda malizzja da parti taghha. Dan ifisser li f'dan ir-rigward is-Socjeta` intimata qed takkampa d-difiza taghha fuq l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Izda s-Socjeta` intimata qed tinsa li l-artikolu taht ittra (a) jipprovdi ukoll ghal *meta r-rikorrent minghajr raguni valida fil-ligi, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mill-ligi.* Il-ligi ma tghidx jekk ma ssirx it-talba, izda jekk ma ssirx fiz-zmien li trid il-ligi.

Pero` huwa minnu wkoll, li l-imposizzjoni tal-penali hija wahda fakultattiva u fid-diskrezzjoni tal-Qorti. F'dan ir-rigward, ghal darba ohra, din il-Qorti tinnota, li s-Socjeta` intimata ma gabet ebda raguni valida ghal fejn din il-Qorti ma ghandhiex timponi dawn il-penali minhabba mera dewmien u mhux nuqqas ta' malizzja. Li tippresenta kawza kwazi gimghatejn wara t-termini tal-ligi u di piu` wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, mandat li jista' jkollu konsegwenzi serji kontra min jinhareg, ma hiex sitwazzjoni li ghandha tkun facilment ittollerata minn dawn il-Qrati. Ghalhekk il-Qorti ser tkun qed tuza d-diskrezzjoni taghha li

timponi bhala penali l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500 ), li huwa kwazi fil-minimu li tippermetti l-ligi.

Ghaldastant ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha tiddisponi mir-rikors odjern bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikors odjern u tordna t-thassir u revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 203/2019 fl-ismijiet "Western Company Limted -vs- Matthew Charles Costigan *et*" ai termini tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 u ghalhekk tordna l-hrug tal-kontromandat relattiv.

U

**Tilqa' it-tieni talba** u tikkundanna lis-Socjeta` Western Company Limited thallas lill-konjugi Costiga penali fl-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) ai termini tal-artiklu 836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjes ta' dawn il-proceduri a` karigu tas-Socjeta' intimata.

**Moghti kameralment illum 15 ta' April 2019.**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**